ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 364

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

14 ta' Diċembru 2011

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 364/01 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] ........ 1

2011/C 364/02 Komunikazzjoni skont l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali ........ 4

III *Atti preparatorji*

IL-KUNSILL

**Il-Kunsill**

2011/C 364/03 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ........ 6

MT

Prezz: EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2011/C 364/04 Opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (CON/2011/100) ..... 7

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 364/05 Rata tal-kambju tal-euro ..... 8

2011/C 364/06 Qafas dwar għajnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri ..... 9

**Il-Qorti tal-Awdituri**

2011/C 364/07 Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2011 "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-addattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?" ..... 14

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 364/08 Sejħa għall-proposti 2011 – Il-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (2007-2013) – Implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: Ċittadini Attivi għall-Ewropa, Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa u Tifkira Ewropea Attiva ..... 15

**MT**

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 364/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 10.11.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 549/09 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Bayern |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Verlängerung der Beihilferegelung zur Unterstützung der Filmproduktion in Bayern |
| Il-bażi legali | Richtlinien für die FilmFernsehFonds Bayern GmbH, Haushaltsgesetz des Freistaates Bayern |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja rimborsabbli, Għotja diretta, Self b'rata ta' imgħax baxxa |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 13,5 miljun<br>Baġit globali: EUR 54 miljun |
| L-intensità | 70 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2010-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Il-Midja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | FilmFernsehFonds Bayern GmbH |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 19.10.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 330/10 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Programme national «Très haut débit» — Volet B |
| Il-bażi legali | Loi n° 2009-1572 du 17 décembre 2009 relative à la lutte contre la fracture numérique. Code général des collectivités territoriales (articles L 1425-1 et L 1425-2). Loi n° 2010-237 du 9 mars 2010 de finances rectificative pour 2010. Code des postes et des communications électroniques (articles L 34-8 et L 34-8-3). Décision n° 2010-1314 de l'ARCEP en date 14 décembre 2010 précisant les conditions d'accessibilité et d'ouverture des infrastructures et des réseaux éligibles à une aide du fonds d'aménagement numérique des territoires |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Żvilupp settorjali, Żvilupp reġjonali |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 750 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | sal-1.1.2016 |
| Setturi ekonomiċi | Il-posta u t-telekomunikazzjonijiet |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Fonds national pour la societé numérique, collectivités territoriales |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 9.11.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.31722 (11/N) |
| Stat Membru | L-Ungerija |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | A sporttevékenység támogatásához kapcsolódó társaságiadó-, és illeték-kedvezmény |
| Il-bażi legali | A sporttal összefüggő egyes törvények módosításáról szóló 2010. évi LXXXIII. törvény. A társasági adóról és az osztalékadóról szóló 1996. évi LXXXI. törvény. Az illetékekről szóló 1990. évi XCIII. törvény |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Żvilupp settorjali |
| Il-forma tal-għajnuna | Allowance fiskali |

| | |
|---|---|
| L-estimi | Baġit annwali: HUF 21 200 miljun<br>Baġit globali: HUF 127 200 miljun |
| L-intensità | 70 % |
| It-tul ta' żmien | sat-30.6.2017 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Nemzeti Fejlesztési Minisztérium és Nemzeti Erőforrás Minisztérium |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

## Komunikazzjoni skont l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali

(2011/C 364/02)

Informazzjoni Tariffarja Obbligatorja ma tibqax valida minn dan il-jum jekk issir inkompatibbli mal-interpretazzjoni tan-nomenklatura doganali bħala riżultat tal-miżuri tariffarji internazzjonali li ġejjin:

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1649 – rapport tas-47 Sessjoni tal-Kumitat HS):

### EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKONT IL-PROĊEDURA TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS U L-OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI EDITJATI MILL-KUMITAT HS TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI

(IS-47 SESSJONI TAL-HSC – MARZU 2011)

DOK. NC1649

**Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura fl-anness tal-Konvenzjoni HS**

| | |
|---|---|
| Kapitolu 29 | R/11 |

**Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat HS**

| | |
|---|---|
| 2106.90/26-27 | R/3 |
| 2208.90/4-6 | R/2 |
| 4410.11/1 | R/4 |
| 8517.62/20 | R/5 |
| 8528.51/1 | R/6 |
| 8543.70/5 | R/7 |

Skont l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Doganali, informazzjoni tariffarja vinkolanti ma tibqax valida, mill-1 ta' Jannar 2012 jekk issir inkompatibbli mal-interpretazzjoni tan-nomenklatura doganali kif tirriżulta mill-miżuri tariffarji internazzjonali segwenti:

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1649, anness Q/4, rapport tas-47 Sessjoni tal-Kumitat HS):

### EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKONT IL-PROĊEDURA TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS EDITJATI MILL-KUMITAT HS TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI

(IS-47 SESSJONI TAL-HSC – MARZU 2011)

DOK. NC1649

Modifiki għan-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura annessa mal-Konvenzjoni HS u taħt ir-rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2009 u żviluppata mill-HSC fis-47 sessjoni tiegħu. Dokument NC1649.

| | |
|---|---|
| Noti ta' spjegazzjoni | Q/4 |

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC1705, anness N, rapport tas-48 Sessjoni tal-Kumitat HS):

**EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKONT IL-PROĊEDURA TAL-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS EDITJATI MILL-KUMITAT HS TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI**

(IS-48 SESSJONI TAL-HSC – SETTEMBRU 2011)

DOK. NC1705

Modifiki għan-noti ta' spjegazzjoni tan-nomenklatura annessa mal-Konvenzjoni HS u taħt ir-rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2009 u żviluppata mill-HSC fis-48 sessjoni tiegħu. Dokument NC1705.

| | |
|---|---|
| Noti ta' spjegazzjoni | N |

Informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-miżuri tista' tinkiseb mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea (rue de la Loi/Wetstraat 200, 1049 Brussell, Belgium) jew tista' titniżżel mis-sit tal-internet tad-Direttorat-Ġenerali:

http://ec.europa.eu/comm/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/harmonised_system/index_en.htm

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUNSILL

IL-KUNSILL

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-30 ta' Novembru 2011**

**dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

(2011/C 364/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.2 tiegħu,

Peress li huwa neċessarju li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew wara d-deċiżjoni tas-Sur Lorenzo BINI SMAGHI li jirriżenja b'effett minn tmiem il-31 ta' Diċembru 2011,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LILL-KUNSILL EWROPEW:

Biex jaħtar lis-Sur Benoît COEURÉ bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. VINCENT-ROSTOWSKI

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tas-7 ta' Diċembru 2011**

**dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

**(CON/2011/100)**

(2011/C 364/04)

## Introduzzjoni u bażi legali

Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 ([1]) dwar il-ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata skont l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar l-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropew.

## Osservazzjonijiet Ġenerali

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li kienet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew, u li dwarha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE qed jiġu kkonsultati, jirrikkmanda li jinħatar Benoît COEURÉ bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal terminu ta' uffiċċju ta' tmien snin.

2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni li l-kandidat propost huwa persuna ta' pożizzjoni rikonoxxuta u esperjenza professjonali f'oqsma monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.

3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu l-ebda oġġeżżjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jinħatar Benoît COEURÉ bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Diċembru 2011.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-13 ta' Diċembru 2011**

(2011/C 364/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3181 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3016 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 102,60 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3528 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4366 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,2548 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84625 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7215 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0605 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7158 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2345 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 519,49 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,8795 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,7110 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,3877 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4986 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,633 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 005,28 |
| HUF | Forint Ungeriż | 304,39 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1850 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 57,795 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6970 | RUB | Rouble Russu | 41,7115 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5608 | THB | Baht Tajlandiż | 41,138 |
| RON | Leu Rumen | 4,3485 | BRL | Real Brażiljan | 2,4292 |
| TRY | Lira Turka | 2,4641 | MXN | Peso Messikan | 18,1647 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 70,1100 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# QAFAS DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-BINI TAL-VAPURI

(2011/C 364/06)

## 1. INTRODUZZJONI

1. Sa mill-bidu tas-snin '70, l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri kienet suġġetta għal sensiela ta' reġimi speċifiċi ta' għajnuna mill-Istat, li gradwalment ġew allinjati mad-dispożizzjonijiet orizzontali tal-għajnuna mill-Istat. Il-Qafas attwali dwar għajnuna mill-Istat għall-bini ta' vapuri [1] ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011. Konformement mal-politika tal-Kummissjoni biex ikun żgurat titjib fit-trasparenza u s-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni biħsiebha li, sa l-aktar limitu possibli, tneħħi d-differenzi bejn ir-regoli applikabbli għall-industrija tal-bini tal-vapuri u għal setturi industrijali oħra billi testendi dispożizzjonijiet orizzontali ġenerali lis-settur tal-bini tal-vapuri [2].

2. Madankollu, il-Kummissjoni tagħraf li ċerti karatteristiċi jagħmlu l-bini tal-vapuri differenti minn industriji oħra, bħassensiliet qosra ta' produzzjoni, il-qies, il-valur u l-komplessità ta' unitajiet prodotti u l-fatt li l-prototipi huma ġeneralment użati kummerċjalment.

3. Fid-dawl ta' dawk il-karatteristiċi speċjali, il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun xieraq li tkompli tapplika dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna għall-innovazzjoni għas-settur tal-bini tal-vapuri filwaqt li tiżgura li tali għajnuna ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-kundizzjonijiet kummerċjali u l-kompetizzjoni sa dak il-punt li jmur kontra l-interess komuni.

4. L-għajnuna mill-Istat għall-innovazzjoni għandha twassal biex min jibbenefika mill-għajnuna jibdel l-imġiba tiegħu b'tali mod li jżid il-livell tiegħu ta' attività ta' innovazzjoni u ta' proġetti ta' innovazzjoni jew iwettaq attivitajiet li altrimenti ma kinux jitwettqu, jew kienu jitwettqu b'mod iktar limitat. L-effett ta' inċentiv huwa identifikat b'analiżi kontrafattwali, bit-tqabbil tal-livelli ta' attività maħsuba bl-għajnuna u mingħajrha. Għaldaqstant, dan il-Qafas jidentifika rekwiżiti speċifiċi li se jippermettu lill-Istati Membri jiżguraw il-preżenza ta' effett ta' inċentiv.

5. Flimkien mal-industrija, ġie żviluppat sett informali ta' regoli dwar l-għajnuna għall-innovazzjoni għall-bini tal-vapuri, rigward, b'mod partikolari, l-ispejjeż eliġibbli u l-konferma tan-natura innovattiva tal-proġett, u dan huwa applikat mill-Kummissjoni fil-prattika tagħha tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Fl-interessi tat-trasparenza, dawk ir-regoli għandhom jiġu formalment integrati fir-regoli dwar l-għajnuna għall-innovazzjoni.

6. Rigward l-għajnuna reġjonali, fl-2013 il-Kummissjoni se tirrevedi l-Linji Gwida orizzontali dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 [3]. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ser tissokta bl-applikazzjoni tal-istess regoli speċifiċi għall-għajnuna reġjonali fis-settur tal-bini tal-vapuri li bħalissa huma previsti fil-Qafas tal-2003 sa dak iż-żmien. Hija ser tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali.

7. Rigward il-krediti għall-esportazzjoni, l-għan ta' dan il-Qafas huwa li jiġu rispettati l-obbligi internazzjonali applikabbli.

8. Għaldaqstant il-qafas jiġbor fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna għall-innovazzjoni u l-għajnuna reġjonali għall-bini tal-vapuri kif ukoll dispożizzjonijiet dwar il-krediti għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-għajnuna għas-settur tal-bini tal-vapuri tista' titqies kompatibbli mas-suq intern skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-istrumenti orizzontali tal-għajnuna mill-Istat [4], sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawn l-istrumenti.

9. F'konformità mal-Artikolu 346 tat-Trattat u suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 348 tat-Trattat, kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li jikkunsidra meħtieġa sabiex jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu fir-rigward tal-finanzjament għall-bastimenti militari.

10. Il-Kummissjoni biħsiebha tapplika l-prinċipi li jinsabu f'dan il-Qafas mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013. Wara dik id-data, il-Kummissjoni tipprevedi li tinkludi d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna għall-innovazzjoni fil-Qafas Komunitarju dwar l-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u għall-innovazzjoni [5] u li tintegra l-għajnuna reġjonali għall-bini tal-vapuri fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali.

## 2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

11. Skont dan il-Qafas, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna lit-tarzni; fil-każ ta' krediti għall-esportazzjoni, għajnuna lis-sidien tal-vapuri li tingħata għall-bini, it-tiswija jew il-konverżjoni ta' vapuri; u għajnuna għall-innovazzjoni li tingħata għall-bini ta' strutturi 'l barra mill-kosta li jżommu f'wiċċ l-ilma u li jiċċaqilqu.

(1) ĠU C 317, 30.12.2003, p. 11.

(2) Ara l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat COM(2005) 107 finali, pt. 65: "il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk għadux meħtieġ Qafas dwar l-għajnuna mill-Istat għall-bini tal-vapuri jew jekk is-settur għandux ikun irregolat sempliċement minn regoli orizzontali".

(3) ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

(4) Pereżempju, il-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent (ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1) jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi awtorizzata għajnuna lit-tarzni għal produzzjoni li hija iktar ekoloġika. Barra minn hekk, is-sidien tal-vapuri jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna biex jakkwistaw mezzi ta' trasport ġodda li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jgħollu l-livell ta' protezzjoni ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni, u b'hekk jingħata kontribut għal trasport marittimu ġeneralment iktar nadif.

(5) ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

12. Għall-finijiet ta' dan il-Qafas, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet segwenti:

(a) "bini tal-vapuri" tfisser il-bini, fl-Unjoni, ta' bastimenti kummerċjali li jitmexxew bil-magni tagħhom stess;

(b) "tiswija tal-vapuri" tfisser it-tiswija jew il-kundizzjonament mill-ġdid, fl-Unjoni, ta' bastimenti kummerċjali li jitmexxew bil-magni tagħhom stess;

(c) "konverżjoni tal-vapuri" tfisser il-konverżjoni, fl-Unjoni, ta' bastimenti kummerċjali ta' mhux anqas minn 1 000 gt [1] li jitmexxew bil-magni tagħhom stess, bil-kundizzjoni li l-operazzjonijiet ta' konverżjoni jinvolvu alterazzjonijiet radikali tal-pjan ta' merkanzija, tal-qoxra, tas-sistema ta' propulsjoni jew tal-akkomodazzjoni tal-passiġġieri;

(d) "bastiment kummerċjali li jitmexxa bil-magni tiegħu stess" tfisser bastiment li, permezz tas-sistema ta' propulsjoni u ta' direzzjoni permanenti tiegħu, għandu l-karatteristiċi kollha biex ibaħħar waħdu fuq l-ibħra miftuħa jew fuq passaġġi tal-ilma interni u li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) bastimenti tal-baħar ta' mhux inqas minn 100 gt u bastimenti li jbaħħru f'passaġġi fuq l-ilma interni ta' daqs ekwivalenti użati għat-trasport tal-passiġġieri u/jew tal-merkanzija;

(ii) bastimenti tal-baħar ta' mhux anqas minn 100 gt u bastimenti li jbaħħru f'passaġġi fuq l-ilma interni ta' daqs ekwivalenti użati għall-prestazzjoni ta' servizz speċjalizzat (pereżempju, dreġers u ice breakers);

(iii) laneċ tal-irmonk ta' mhux inqas minn 365 kW;

(iv) qxur mhux kompluti tal-bastimenti msemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) li huma f'wiċċ l-ilma u mobbli;

(e) "strutturi 'l barra mill-kosta li jżommu f'wiċċ l-ilma u li jiċċaqalqu" tfisser strutturi għall-esplorazzjoni, għall-esplojtazzjoni jew għall-ġenerazzjoni taż-żejt, tal-gass jew tal-enerġija rinnovabbli li għandhom il-karatteristiċi kollha ta' bastiment kummerċjali ħlief li ma jitmexxewx bil-magni tagħhom stess u huma maħsuba li matul l-operazzjoni tagħhom jitmexxew kemm-il darba.

## 3. MIŻURI SPEĊIFIĊI

### 3.1. Għajnuna reġjonali

13. L-għajnuna reġjonali għall-bini tal-vapuri, għat-tiswija tal-vapuri jew għall-konverżjoni tal-vapuri tista' tiġi meqjusa kompattibli mas-suq intern jekk tissodisfa, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet segwenti:

(a) l-għajnuna għandha tingħata għall-investiment f'titjib fil-livell u fl-immodernizzar ta' tarzna(i) eżistenti, u m'għandhiex tkun konnessa ma' ristrutturazzjoni finanzjarja tat-tarzna(i) kkonċernata(i), bl-għan li tiġi mtejba l-produttività tal-installazzjonijiet eżistenti;

(b) fir-reġjuni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u konformement mal-mappa approvata mill-Kummissjoni għal kull Stat Membru għall-għoti ta' għajnuna reġjonali, l-intensità tal-għajnuna m'għandhiex taqbeż it-22,5 % tal-ekwivalenti tal-valur gross tal-għotja;

(c) fir-reġjuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u konformement mal-mappa approvata mill-Kummissjoni għall-għoti ta' għajnuna reġjonali għal kull Stat Membru, l-intensità tal-għajnuna m'għandhiex taqbeż it-12,5 % tal-ekwivalenti tal-valur gross tal-għotja jew il-limitu applikabbli għall-għajnuna reġjonali, liema minnhom ikun l-inqas;

(d) l-għajnuna għandha tiġi limitata għas-sostenn tal-ispiża eliġibbli kif imfissra fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna nazzjonali reġjonali għall-2007-2013.

### 3.2. Għajnuna għall-innovazzjoni

3.2.1. *Applikazzjonijiet eliġibbli*

14. L-għajnuna mogħtija għall-innovazzjoni fil-bini tal-vapuri, fit-tiswija tal-vapuri jew fil-konverżjoni tal-vapuri tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern sa massimu ta' intensità tal-għajnuna ta' 20 % gross, sakemm din tkun tirrigwarda l-applikazzjoni industrijali ta' prodotti u proċessi innovattivi, jiġifieri prodotti u proċessi li huma teknoloġikament ġodda jew mibdula sostanzjalment meta mqabbla mal-iktar teknoloġija avvanzata li teżisti fl-industrija tal-bini tal-vapuri fi ħdan l-Unjoni, li jġorru riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali. L-għajnuna għall-innovazzjoni għat-tagħmir u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd mhijiex ser titqies kompatibbli mas-suq intern, sakemm ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25(2) u (6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd [2], jew fid-dispożizzjonijiet li jissuċċeduhom. L-ebda għajnuna ma tista' tingħata lil tarzna jekk tingħata, fir-rigward tal-istess bastiment, għajnuna mill-Fond Ewropew għas-Sajd, jew mill-istrument li jissuċċedih, jew għajnuna pubblika oħra.

15. Prodotti u proċessi innovattivi skont it-tifsira tal-punt 14 jinkludu t-titjib fil-qasam ambjentali relatat mal-kwalità u l-prestazzjoni, bħall-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-karburant, l-emissjonijiet mill-magni, l-iskart u sikurezza.

[1] Tunnellati grossi.

[2] ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

16. Fejn l-innovazzjoni jkollha l-għan li ssaħħaħ il-ħarsien ambjentali u twassal għal konformità mal-istandards adottati tal-Unjoni tal-anqas sena qabel ma dawk l-istandards jidħlu fis-seħħ jew iżżid il-livell ta' ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Kummissjoni jew tagħmilha possibbli li wieħed imur lil hinn mill-istandards tal-Unjoni, l-intensità massima tal-għajnuna tista' tiżdied sa 30 % gross. L-espressjonijiet "standards tal-Unjoni" u "ħarsien ambjentali" għandhom jinftiehmu kif inhuma definiti fil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent.

17. Sakemm ikunu konformi mal-kriterji li jinsabu fil-punt 14, prodotti innovattivi se jirreferu jew għal klassi ġdida ta' bastiment kif iddefinita mill-ewwel bastiment ta' sensiela potenzjali ta' vapuri (prototip) jew għal partijiet innovattivi ta' bastiment, li jistgħu jkunu iżolati mill-bastiment bħala element separat.

18. Sakemm ikunu konformi mal-kriterji li jinsabu f'punt 14, proċessi innovattivi għandhom jirreferu għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċessi ġodda rigward l-oqsma tal-produzzjoni, il-ġestjoni, il-loġistika jew l-inġinerija.

19. L-għajnuna għall-innovazzjoni tista' titqies kompatibbli mas-suq intern biss jekk tingħata għall-ewwel applikazzjoni industrijali ta' prodotti u proċessi innovattivi.

3.2.2. *Spejjeż eliġibbli*

20. L-għajnuna għall-innovazzjoni għall-prodotti u l-proċessi trid tkun limitata għal sostenn tal-infiq fuq l-investimenti, l-attivitajiet li jirrigwardaw id-disinn, l-inginerija u l-ittestjar relatati direttament u esklużivament mal-parti innovattiva tal-proġett u li jsiru wara d-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna għall-innovazzjoni ([1]).

21. L-ispejjeż eliġibbli jinkludu l-ispejjeż tat-tarzna kif ukoll l-ispejjeż biex jiġu akkwistati oġġetti u servizzi mingħand partijiet terzi (pereżempju, fornituri ta' sistemi, fornituri ta' proġetti kompleti u kumpaniji ta' subkuntratturi), sal-limitu li dawk l-oġġetti u s-servizzi jkunu strettament relatati mal-innovazzjoni. L-ispejjeż eliġibbli huma ddefiniti f'iktar dettall fl-Anness.

22. L-awtorità nazzjonali rilevanti, maħtura mill-Istat Membru għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-għajnuna għall-innovazzjoni, għandha teżamina l-ispejjeż eliġibbli fuq il-bażi tal-istimi pprovduti u ssostanzjati mill-applikant. Fejn l-applikazzjoni tinkludi spejjeż għall-akkwist ta' oġġetti u servizzi mingħand fornituri, il-fornitur ma jistax ikun irċieva għajnuna mill-Istat għall-istess għanijiet rigward dawk l-oġġetti u servizzi.

([1]) Ħlief għal spejjeż għall-istudji ta' fattibbiltà li jsiru fi żmien 12-il xahar qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna għal proċess innovattiv.

3.2.3. *Konferma tan-natura innovattiva tal-proġett*

23. Sabiex l-għajnuna għall-innovazzjoni titqies kompatibbli mas-suq intern skont dan il-Qafas, applikazzjoni għal għajnuna għall-innovazzjoni għandha titressaq lill-awtorità nazzjonali rilevanti qabel ma l-applikant jidħol fi ftehim vinkolanti biex jimplimenta l-proġett speċifiku li għalih qed ifittex l-għajnuna għall-innovazzjoni. L-applikazzjoni trid tinkludi deskrizzjoni tal-innovazzjoni, kemm f'termini kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi.

24. L-awtorità nazzjonali rilevanti għandha tikseb konferma mingħand espert indipendenti u teknikament kompetenti li l-għajnuna qed tintalab għal proġett li jirrappreżenta prodott jew proċess teknoloġikament ġdid jew imtejjeb sostanzjalment meta mqabbel mal-iktar teknoloġija avvanzata li teżisti fl-industrija tal-bini tal-vapuri fi ħdan l-Unjoni (evalwazzjoni kwalitattiva). L-għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq suq intern biss jekk l-espert indipendenti u teknikament kompetenti jikkonferma lill-awtorità nazzjonali rilevanti li l-ispejjeż eliġibbli għall-proġett ġew ikkalkulati biex ikopru esklużivament il-partijiet innovattivi tal-proġett rilevanti (evalwazzjoni kwantitattiva).

3.2.4. *Effett ta' inċentiv*

25. L-għajnuna għall-innovazzjoni skont dan il-Qafas għandu jkollha effett ta' inċentiv, jiġifieri għandha tirriżulta f'bidla fl-imġiba ta' benefiċjarju biex b'hekk iżid il-livell tal-attività ta' innovazzjoni tiegħu. B'riżultat tal-għajnuna, l-attività ta' innovazzjoni trid tiżdied f'termini ta' daqs, ambitu, ammont minfuq jew veloċità.

26. F'konformità mal-punt 25, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma tkunx tippreżenta inċentiv għall-benefiċjarju jekk il-proġett ([2]) ikun diġà inbeda qabel ma l-benefiċjarju jressaq applikazzjoni għall-għajnuna lill-awtoritajiet nazzjonali.

27. Sabiex jivverifikaw li l-għajnuna tkun twassal biex il-benefiċjarju tal-għajnuna jibdel l-imġiba tiegħu b'tali mod li jżid il-livell ta' attività ta' innovazzjoni tiegħu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu evalwazzjoni ex ante taż-żieda fl-attività ta' innovazzjoni fuq il-bażi ta' analiżi li tqabbel sitwazzjoni mingħajr għajnuna ma' sitwazzjoni bl-għajnuna. Il-kriterji li għandhom jintużaw jistgħu jinkludu ż-żieda fl-attivitajiet ta' innovazzjoni f'termini ta' daqs, ambitu, ammont minfuq u veloċità, flimkien ma' fatturi kwantitattivi u/jew kwalitattivi oħra rilevanti mressqa mill-Istat Membru li jkun għamel in-notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

28. Jekk ikun jista' jintwera effett sinifikanti fuq mill-inqas wieħed minn dawk l-elementi, filwaqt li tkun ikkunsidrata l-imġiba normali ta' intrapriża fis-settur rispettiv, il-Kummissjoni normalment tikkonkludi li l-għajnuna jkollha effett ta' inċentiv.

([2]) Dan ma jeskludix li l-benefiċjarju potenzjali jista' jkun diġà wettaq studji ta' fattibbiltà li mhumiex koperti bit-talba għal għajnuna mill-Istat.

29. Meta tiġi evalwata skema ta' għajnuna, il-kundizzjonijiet relatati mal-effett ta' inċentiv ser jitqiesu li huma sodisfatti jekk l-Istat Membru jkun impenja ruħu li jagħti għajnuna individwali taħt l-iskema ta' għajnuna approvata biss wara li jkun ivverifika li jeżisti effett ta' inċentiv u li jissottometti rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' għajnuna approvata.

30. L-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna għandha tkun suġġetta għall-kundizzjoni li l-benefiċjarju jikkonkludi ftehim vinkolanti biex jimplimenta l-proġett jew proċess speċifiku tal-bini tal-vapuri, it-tiswija tal-vapuri jew il-konverżjoni tal-vapuri li għalih tkun qed tintalab l-għajnuna għall-innovazzjoni. Il-ħlasijiet jistgħu jsiru biss wara li jiġi ffirmat il-kuntratt rilevanti. Jekk il-kuntratt jitħassar jew il-proġett jiġi abbandunat, kull għajnuna li tkun tħallset trid tiġi rimbursata bl-imgħax minn dik id-data meta l-għajnuna kienet tħallset. Bl-istess mod, jekk il-proġett ma jitlestiex, għajnuna li ma tkunx intużat għall-infiq ta' innovazzjoni eliġibbli trid tiġi rimbursata bl-imgħax. Ir-rata tal-imgħax trid tkun mill-inqas daqs ir-rati ta' referenza adottati mill-Kummissjoni.

### 3.3. Krediti għall-esportazzjoni

31. L-għajnuna għall-bini tal-vapuri fil-forma ta' faċilitajiet ta' kreditu sostnuti mill-Istat mogħtija lil sidien ta' vapuri jew partijiet terzi nazzjonali u mhumiex għall-bini jew għall-konverżjoni ta' bastimenti tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern jekk tkun konformi mal-kundizzjonijiet tal-Arranġament tal-OECD tal-1998 dwar il-Linji Gwida għal Krediti għall-Esportazzjoni Appoġġjati Uffiċjalment u mal-Ftehim tas-Settur tagħha dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Vapuri jew kwalunkwe kundizzjoni suċċessiva stipulata f'tali arranġament jew li tissostitwixxi l-Arranġament.

## 4. MONITORAĠĠ U RAPPURTAR

32. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu tal-1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat ([2]) jirrikjedu lill-Istati Membri li jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti annwali fuq l-iskemi kollha ta' għajnuna. Meta tkun qed tadotta deċiżjoni skont dan il-Qafas għal kull għajnuna għall-innovazzjoni mogħtija taħt skema approvata lil intrapriżi kbar, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jirrapportaw dwar kif ġie mħares ir-rekwiżit għal effett ta' inċentiv rigward l-għajnuna mogħtija lil intrapriżi kbar, b'mod partikolari bl-użu tal-kriterji msemmija fil-punt 3.2.4.

## 5. KUMULU

33. Il-limiti tal-għajnuna stipulati f'dan il-Qafas huma applikabbli irrispettivament minn jekk l-għajnuna inkwistjoni tkunx kompletament jew parzjalment iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat jew mir-riżorsi tal-Unjoni. Għajnuna awtorizzata skont dan il-Qafas ma tistax tingħata flimkien ma' forom oħra ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jew ma' forom oħra ta' finanzjament mill-Unjoni, meta l-akkumulazzjoni tipproduċi intensità ta' għajnuna ogħla minn dik stabbilita f'dan il-Qafas.

34. Fejn l-għajnuna taqdi skopijiet differenti u tinvolvi l-istess spejjeż eliġibbli, japplika l-aktar limitu għall-għajnuna favorevoli.

## 6. APPLIKAZZJONI TA' DAN IL-QAFAS

35. Il-Kummissjoni ser tapplika l-prinċipi stabbiliti f'dan il-Qafas mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013. Il-Kummissjoni ser tapplika dawk il-prinċipji għall-miżuri ta' għajnuna kollha li ġew notifikati u li fir-rigward tagħhom hija msejħa tieħu deċiżjoni wara l-31 ta' Diċembru 2011, anke fejn il-proġetti jkunu ġew notifikati qabel dik id-data.

36. F'konformità mal-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istati illegali ([3]), il-Kummissjoni ser tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dan il-Qafas għal għajnuna mhux notifikata li tingħata wara l-31 ta' Diċembru 2011.

---

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([2]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

([3]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

*ANNESS*

**Spejjeż eliġibbli għal għajnuna għall-innovazzjoni għall-bini tal-vapuri**

1. KLASSI ĠDIDA TA' BASTIMENT

Għall-kostruzzjoni ta' klassi ġdida ta' bastiment li hija eliġibbli għal għajnuna għall-innovazzjoni, l-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli:

(a) spejjeż għall-iżvilupp tal-kunċett;

(b) spejjeż għad-disinn tal-kunċett;

(c) spejjeż għad-disinn funzjonali;

(d) spejjeż għad-disinn fid-dettall;

(e) spejjeż għal studji, ittestjar, mudelli; u spejjeż simili relatati mal-iżvilupp u d-disinn tal-bastiment;

(f) spejjeż għall-ippjanar tal-implimentazzjoni tad-disinn;

(g) spejjeż għal testijiet u provi tal-prodott;

(h) spejjeż addizzjonali tax-xogħol u spejjeż fissi għal klassi ġdida ta' bastiment (learning curve).

Għall-finijiet tal-punti (a) sa (g), huma esklużi spejjeż relatati ma' disinn standard ta' inġinerija ekwivalenti għal klassi preċedenti ta' bastiment.

Għall-finijiet tal-punt (h), spejjeż fuq produzzjoni addizzjonali li huma strettament neċessarji sabiex jivvalidaw l-innovazzjoni teknoloġika jistgħu jkunu eliġibbli sal-punt li huma limitati għall-ammont minimu li huwa neċessarju. Minħabba l-isfidi tekniċi assoċjati mal-kostruzzjoni ta' prototip, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ewwel bastiment normalment jeċċedu l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' vapuri simili sussegwenti. Id-definizzjoni ta' spejjeż ta' produzzjoni addizzjonali hija d-differenza bejn l-ispejjeż tax-xogħol u l-ispejjeż fissi assoċjati magħhom għall-ewwel bastiment minn klassi ġdida ta' bastiment u l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' bastimenti sussegwenti fl-istess sensiela ta' vapuri (sister ships). L-ispejjeż tax-xogħol jinkludu l-pagi u l-ispejjeż soċjali.

Għalhekk, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, massimu ta' 10 % tal-ispejjeż ta' produzzjoni addizzjonali assoċjati mal-kostruzzjoni ta' klassi ġdida ta' bastiment jistgħu jiġu kkunsidrati bħala spejjeż eliġibbli: jekk dawk l-ispejjeż ikunu neċessarji għall-validazzjoni tal-innovazzjoni teknika. Każ huwa kkunsidrat debitament iġġustifikat jekk l-ispejjeż ta' produzzjoni addizzjonali jkunu stmati li jaqbżu t-3 % tal-ispejjeż tal-produzzjoni ta' vapuri fl-istess sensiela sussegwenti.

2. KOMPONENTI JEW SISTEMI ĠODDA TA' BASTIMENT

Għal komponenti jew sistemi ġodda li huma eliġibbli għall-għajnuna għall-innovazzjoni, l-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli sakemm dawn ikunu strettament relatati mal-innovazzjoni:

(a) spejjeż tad-disinn u tal-iżvilupp;

(b) spejjeż għall-ittestjar tal-parti li tirrigwarda l-innovazjoni, il-mudelli;

(c) spejjeż għall-materjal u l-apparat;

(d) f'każijiet eċċezzjonali, l-ispejjeż tal-kostruzzjoni u tal-istallazzjoni ta' komponent ġdid jew ta' sistema ġdida li huma meħtieġa biex tiġi vvalidata l-innovazzjoni, sa fejn dawn ikunu limitati għall-ammont minimu meħtieġ.

3. PROĊESSI ĠODDA

Għal proċessi ġodda li huma eliġibbli għall-għajnuna għall-innovazzjoni, l-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli sa fejn dawn ikunu strettament relatati mal-proċess ta' innovazzjoni:

(a) spejjeż tad-disinn u tal-iżvilupp;

(b) spejjeż għall-materjal u l-apparat;

(c) fejn applikabbli, spejjeż għall-ittestjar tal-proċess il-ġdid;

(d) spejjeż għall-istudji ta' fattibbiltà li jsiru fi żmien 12-il xahar qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna.

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

**Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2011 "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-addattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?"**

(2011/C 364/07)

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinfurmak li r-Rapport Speċjali Nru 12/2011 "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-addattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?" għadu kif ġie ppubblikat.

Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat jew imniżżel mill-websajt tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: http://www.eca.europa.eu

Verżjoni stampata tar-rapport tista' tinkiseb mingħajr ħlas fuq talba lill-Qorti tal-Awdituri:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
Unità "Verifika: Il-Produzzjoni ta' Rapporti"
12, rue Alcide de Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Posta elettronika: euraud@eca.europa.eu

jew billi timla formola ta' ordni elettronika fl-EU-Bookshop.

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Sejħa għall-proposti 2011 – Il-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (2007-2013)

## Implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: Ċittadini Attivi għall-Ewropa, Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa u Tifkira Ewropea Attiva

(2011/C 364/08)

**INTRODUZZJONI**

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006, li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva ([1]). Il-kondizzjonijiet dettaljati ta’ din is-sejħa għall-proposti jinstabu fil-Gwida tal-Programm għall-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” ppubblikata fuq is-sit elettroniku Europa (ara l-punt VII). Il-Gwida tal-programm tikkostitwixxi parti integrali minn din is-sejħa għall-proposti.

### I. **Għanijiet**

Il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini għandu dawn l-għanijiet speċifiċi:

— li jlaqqa’ flimkien nies minn komunitajiet lokali mill-Ewropa kollha ħalli jaqsmu u jiskambjaw l-esperjenzi, l-opinjonijiet u l-valuri tagħhom, biex jitgħallmu mill-istorja u biex jibnu għall-ġejjieni;

— li jrawwem azzjoni, dibattitu u riflessjoni relatati maċ-ċittadinanza Ewropea u mad-demokrazija, valuri kondiviżi, storja u kultura komuni permezz ta’ kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq il-livell Ewropew;

— li jqarreb lill-Ewropa maċ-ċittadini tagħha billi jippromwovi l-valuri u l-kisbiet tal-Ewropa, filwaqt li tinżamm il-memorja tal-imgħoddi tagħha;

— li jheġġeġ l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi parteċipanti kollha li jagħtu kontribut favur id-djalogu interkulturali u jagħti prominenza kemm lid-diversità u kemm lill-għaqda tal-Ewropa, b’attenzjoni partikolari fuq l-attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp ta’ rabtiet eqreb bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif kostitwit fit-30 ta’ April 2004 u dawk bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri li aderew minn dak iż-żmien ’il hawn.

### II. **Applikanti eliġibbli**

Il-Programm miftuħ għall-promoturi kollha stabbiliti f’wieħed mill-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm u jiddependi minn jekk ikunux:

— Korp pubbliku, jew

— Organizzazzjoni li ma tagħmilx profitt bi status legali (personalità legali)

([1]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.

Madankollu kull azzjoni tal-Programm hija mmirata għal firxa aktar speċifika ta' organizzazzjonijiet. Għal-hekk l-eliġibbiltà tal-organizzazzjonijiet applikanti hija definita fil-Gwida tal-Programm speċifikament għal kull miżura/sottomiżura.

Il-pajjiżi eliġibbli taħt dan il-Programm huma:

— L-Istati Membri tal-UE ([1])

— Il-Kroazja,

— L-Albanija,

— L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (FYROM).

III. **Azzjonijiet eliġibbli**

Il-programm Ewropa għaċ-Ċittadini jappoġġa proġetti li jippromwovu ċ-ċittadinanza Ewropea attiva.

Din is-sejħa tkopri l-azzjonijiet li ġejjin tal-programm Ewropa għaċ-Ċittadini, li huma appoġġati b'żewġ tipi ta' għotjiet: għotjiet *tal-proġett* u għotjiet *operattivi*

*Azzjoni 1: Ċittadini Attivi għall-Ewropa*

Miżura 1: Ġemellaġġ bejn l-Ibliet

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew jippromwovu skambji diretti bejn ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet.

Miżura 1.1: Laqgħat għaċ-ċittadini dwar il-ġemellaġġ bejn l-ibliet (għotja ta' proġett)

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew jippromwovu skambji diretti bejn ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet. Proġett għandu jinvolvi muniċipalitajiet minn mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Il-proġett għandu jkollu minimu ta' 25 parteċipant internazzjonali li jkunu ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna. It-tul ta' żmien massimu tal-laqgħa għandu jkun 21 jum. L-għotja massima li għandha tingħata hija EUR 25 000 għal kull proġett. L-għotja minima mogħtija hija EUR 5 000.

L-għotjiet għal-laqgħat taċ-ċittadini dwar il-ġemellaġġ bejn l-ibliet huma mmirati biex jikkoffinanzjaw l-ispejjeż organizzattivi tal-belt li tospita u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti mistiedna. Il-kalkolu tal-għotja jiġi bbażat fuq rati fissi/somma f'daqqa.

Miżura 1.2: Netwerks ta' bliet imsieħba f'ġemellaġġ (għotja ta' proġett)

Din il-miżura tappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks maħluqa fuq il-bażi ta' rabtiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet, li huma importanti biex jiżguraw kooperazzjoni strutturata, b'saħħitha u komprensiva bejn il-muniċipalitajiet, u għalhekk biex jikkontribwixxu biex jiġi massimizzat l-impatt tal-Programm. Kull proġett għandu jipprevedi mill-inqas tliet avvenimenti, u għandu jinvolvi muniċipalitajiet minn mill-inqas erba' pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Il-proġett għandu jkollu minimu ta' 30 parteċipant internazzjonali li jkunu ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna. It-tul ta' żmien massimu tal-proġett huwa 24 xahar; it-tul ta' żmien massimu ta' kull avveniment huwa 21 jum.

L-ammont massimu eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura huwa EUR 150 000. L-ammont minimu eliġibbli huwa EUR 10 000. Il-kalkolazzjoni tal-għotja tiġi bbażata fuq rati fissi/somma f'daqqa.

([1]) Is-27 Stat Membru tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit.

Miżura 2: "Proġetti taċ-ċittadini" u "Miżuri ta' appoġġ"

Miżura 2.1: Proġetti taċ-ċittadini (għotja ta' proġett)

Din il-miżura tindirizza sfida kurrenti ewlenija tal-Unjoni Ewropea: kif tressaq liċ-ċittadini u lill-Unjoni Ewropea eqreb lejn xulxin. Timmira li tesplora metodoloġiji oriġinali u innovattivi li kapaċi jħeġġu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jistimulaw id-djalogu bejn iċ-ċittadini Ewropej u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Kull proġett għandu jinvolvi mill-inqas ħames pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. Dan għandu jinvolvi mill-inqas 200 parteċipant. It-tul ta' żmien massimu ta' proġett huwa 12-il xahar.

L-ammont tal-għotja ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bilanċjat u dettaljat, espress fil-munita euro. L-għotja mogħtija ma tistax taqbeż is-60 % tal-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett. L-għotja minima ser tkun EUR 100 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura hija EUR 250 000.

Miżura 2.2: Miżuri ta' appoġġ (għotja ta' proġett)

Din il-miżura timmira li tappoġġa l-attivitajiet li jistgħu jwasslu għat-twaqqif ta' sħubiji u netwerks fit-tul li jilħqu numru sinifikanti ta' partijiet interessati differenti li jippromwovu ċ-ċittadinanza Ewropea attiva, u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġi pprovdut rispons aħjar għall-għanijiet tal-programmi u jiġu massimizzati l-impatt u l-effettività globali tal-programm.

Kull proġett għandu jinvolvi mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. It-tul ta' żmien massimu huwa 12-il xahar. Għandhom jiġu previsti mill-inqas żewġ avvenimenti għal kull proġett.

L-ammont tal-għotja ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bilanċjat u dettaljat, espress fil-munita euro. L-għotja ma tistax taqbeż rata massima ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni inkwistjoni. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 30 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett fi ħdan din il-miżura hija EUR 100 000.

*Azzjoni 2: Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa*

Miżuri 1 u 2: Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropea u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE (għotjiet operattivi ([1]))

Il-Miżura 1 – Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropea (think tanks) – timmira li tappoġġa l-ħidma tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika pubblika Ewropea (think tanks), li jkunu kapaċi jipprovdu ideat ġodda u riflessjonijiet fuq kwistjonijiet Ewropej, fuq iċ-ċittadinanza attiva fuq il-livell Ewropew jew fuq il-valuri Ewropej.

Il-Miżura 2 – Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq il-livell tal-UE – tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' dimensjoni Ewropea bil-kapaċità u l-istabilità biex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom fuq il-livell Ewropew. L-għan tagħha huwa li tagħti kontribut favur l-emerġenza ta' soċjetà ċivili strutturata, koerenti u attiva fuq il-livell Ewropew.

Il-perjodu ta' eliġibbiltà għandu jikkorrespondi għas-sena baġitarja tal-applikant, kif muri mill-kontijiet iċċertifikati tal-organizzazzjoni. Jekk is-sena baġitarja tal-applikant tikkorrespondi għas-sena kalendarja, il-perjodu ta' eliġibbiltà jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. Għal applikanti b'sena baġitarja li tkun differenti mis-sena kalendarja, il-perjodu ta' eliġibbiltà jkun il-perjodu ta' 12-il xahar mid-data tal-bidu tas-sena baġitarja tagħhom.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti:

(a) Rati fissi/somma f'daqqa.

([1]) Din is-sejħa għall-proposti tikkonċerna l-għotjiet operattivi annwali għas-sena finanzjarja 2013.

(b) Baġit ibbażat fuq spejjeż reali. L-ammont tal-għotja ser jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bilanċjat u dettaljat, espress fil-munita euro. L-għotja ma tistax taqbeż rata massima ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata.

L-għotja massima hija EUR 100 000.

M i ż u r a 3 : Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (għotja ta' proġett)

L-għan ta' din il-miżura huwa li tappoġġa proġetti konkreti promossi minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jappartienu lil pajjiżi parteċipanti differenti. Dawn il-proġetti għandhom iqajmu kuxjenza dwar suġġetti ta' interess Ewropew u jikkontribwixxu biex irawmu l-fehim xulxieni fuq kulturi differenti u biex jidentifikaw valuri komuni permezz tal-kooperazzjoni fuq il-livell Ewropew.

Kull proġett għandu jinvolvi mill-inqas żewġ pajjiżi parteċipanti, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun Stat Membru tal-UE. It-tul ta' żmien massimu tal-proġetti huwa 18-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti, li jikkorrespondu għal approċċi differenti u li għalihom japplikaw regoli speċifiċi:

(a) Rati fissi/somma f'daqqa.

(b) Baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali. L-għotja mitluba f'dak il-każ ma tistax taqbeż is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni inkwistjoni.

L-għotja massima hija EUR 150 000. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 10 000.

L-organizzazzjonijiet ta' interess Ewropew ġenerali magħżulin biex jirċievu għotja operattiva fl-2012 taħt miżuri 1 u 2 tal-azzjoni 2 mhumiex eleġibbli għall-finanzjament taħt din il-miżura fl-2012.

*Azzjoni 4: Tifkira Ewropea Attiva (għotja ta' proġett)*

L-għan tal-proġetti appoġġati fl-ambitu ta' din l-azzjoni huwa li jżommu ħajja t-tifkira tal-vittmi tan-Nażiżmu u tal-Istaliniżmu u li jtejbu l-għarfien u l-fehim tal-ġenerazzjonijiet preżenti u ġejjiena dwar dak li seħħ fil-kampijiet u f'siti oħra ta' qerda tal-massa, u r-raġuni għaliex.

It-tul ta' żmien massimu ta' proġett huwa 18-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti:

(a) Rati fissi/somma f'daqqa.

(b) Baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali. L-għotja mitluba f'dak il-każ ma tistax taqbeż is-70 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata.

L-għotja massima hija EUR 100 000. L-għotja minima eliġibbli hija EUR 10 000.

## IV. **Kriterji tal-għoti**

*Għal għotjiet tal-proġett:*

Kriterji kwalitattivi (80 % tal-punti disponibbli):

— Rilevanza tal-proġett għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (25 %).

— Kwalità tal-proġett u l-metodi proposti (25 %).

— Impatt (15 %).

— Viżibilità u Segwitu (15 %).

Kriterji kwantitattivi (20 % tal-punti disponibbli):

— Impatt ġeografiku (10 %).

— Grupp fil-Mira (10 %).

Fuq il-bażi tas-sussidjarjetà, għall-pajjiżi li huma manifestament inqas irrappreżentati, u li jirrispettaw trattament ġust fir-rigward tal-kwalità, il-Kummissjoni u l-Aġenzija eżekuttiva jżommu d-dritt li jiżguraw distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-proġetti magħżula għal kull azzjoni.

*Għal għotjiet operattivi:*

Kriterji kwalitattivi (80 % tal-punti disponibbli):

— Rilevanza tal-proġett għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini (30 %).

— Adegwatezza, koerenza u kompletezza tal-programm ta' ħidma (20 %).

— Impatt tal-programm ta' ħidma (10 %).

— Valur miżjud Ewropew (10 %).

— Viżibilità tal-attivitajiet u d-disseminazzjoni u l-esplojtazzjoni tar-riżultati liċ-ċittadini Ewropej u partijiet interessati oħrajn (10 %).

Kriterji kwantitattivi (20 % tal-punti disponibbli):

— Impatt ġeografiku (10 %).

— Grupp fil-Mira (10 %).

Fuq bażi sussidjarja, il-Kummissjoni u l-Aġenzija eżekuttiva jirriservaw id-dritt li jiżguraw distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-proġetti magħżula għal kull azzjoni.

## V. **Baġit**

**Baġit previst għall-2012 għall-azzjonijiet li ġejjin**

| | | |
|---|---|---|
| Azzjoni 1 Miżura 1.1 | Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet | EUR 6 107 000 |
| Azzjoni 1 Miżura 1.2 | In-netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ | EUR 4 528 000 |
| Azzjoni 1 Miżura 2.1 | Proġetti taċ-ċittadini | EUR 1 308 000 |
| Azzjoni 1 Miżura 2.2 | Miżuri ta' appoġġ | EUR 805 000 |
| Azzjoni 2 Miżura 3 | Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili | EUR 2 807 000 |
| Azzjoni 4 | Tifkira Ewropea Attiva | EUR 2 414 000 |

*L-implimentazzjoni ta' din is-Sejħa għall-Proposti hija soġġetta għall-adozzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2012 mill-awtorità baġitarja.*

VI. **Skadenzi għall-applikazzjonijiet – Azzjonijiet**

| Azzjonijiet | | Skadenza għas-sottomissjoni |
|---|---|---|
| Azzjoni 1 Miżura 1.1 | Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet | l-1 ta' Frar<br>l-1 ta' Ġunju<br>l-1 ta' Settembru |
| Azzjoni 1 Miżura 1.2 | In-netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ | l-1 ta' Frar<br>l-1 ta' Settembru |
| Azzjoni 1 Miżura 2.1 | Proġetti taċ-ċittadini | l-1 ta' Ġunju |
| Azzjoni 1 Miżura 2.2 | Miżuri ta' appoġġ | l-1 ta' Ġunju |
| Azzjoni 2 Miżura 1 u 2 | Appoġġ strutturali għall-organizzazzjonijiet ta' riċerka fil-politika tal-UE (think tanks) u għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE | il-15 ta' Ottubru |
| Azzjoni 2 Miżura 3 | Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili | l-1 ta' Frar |
| Azzjoni 4 | Tifkira Ewropea Attiva | l-1 ta' Ġunju |

L-applikazzjonijiet għandhom jitressqu qabel **12.00 p.m.** (**nofsinhar ħin ta' Brussell**) fid-data finali għall-applikazzjonijiet. Jekk l-iskadenza tinzerta fi tmiem il-ġimgħa, l-ewwel ġurnata tax-xogħol wara tmiem il-ġimgħa titqies bħala l-ġurnata tal-iskadenza.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil dan l-indirizz:

EACEA
Unit P7 Citizenship
Applications — 'Measure XXX'
Avenue du Bourget/Bourgetlaan 1 (BOUR 01/04A)
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Jitqiesu biss dawk il-proposti li jitressqu bl-użu tal-formola elettronika (eForm) uffiċjali tal-applikazzjoni għall-għotja mimlija kif suppost u ffirmata mill-persuna awtorizzata biex tidħol f'impenn ġuridiku f'isem l-applikant.

L-applikazzjonijiet imressqa fuq karta bil-posta jew bil-faks jew mibgħuta direttament b'email ma jiġux aċċettati għal aktar valutazzjoni.

VII. **Aktar informazzjoni**

Il-kondizzjonijiet dettaljati tat-tressiq tal-proposti tal-proġetti u l-formoli tal-applikazzjoni jinsabu fil-Gwida tal-Programm Ewropa għaċ-Ċittadini kif emendata l-aħħar fuq is-siti li ġejjin:

http://ec.europa.eu/citizenship/index_en.html

L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż ippubblikat skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ COMP/39.654 – Il-Kodiċijiet tal-Istrument Reuters (RICs)

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9391)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 364/09)

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 ([1]), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi – f'każijiet fejn ikun bihsiebha tadotta deċiżjoni li tirrikjedi li jintemm ksur u l-partijiet ikkonċernati joffru li jintrabtu biex isibu tarf tat-tħassib espress lilhom mill-Kummissjoni fil-valutazzjoni preliminari – li tagħmel dak l-irbit vinkolanti fuq l-impriżi. Deċiżjoni bħal din tista' tiġi adottata għal perjodu speċifiku u għandha tikkonkludi li m'hemmx aktar raġuni għal azzjoni mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 27(4) tal-istess Regolament, il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju konċiż tal-każ u l-kontenut prinċipali tal-impenji. Il-partijiet interessati jistgħu jressqu l-kummenti tagħhom sal-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni.

### 2. SOMMARJU TAL-KAŻ

(2) Fid-19 ta' Settembru 2011 il-Kummissjoni adottat valutazzjoni preliminari fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. Il-valutazzjoni kienet relatata mas-settur għas-servizzi tal-informazzjoni finanzjarja, partikolarment is-suq għal datafeeds f'ħin reali konsolidati ([2]). Din kienet indirizzata lil Thomson Reuters Corporation u kumpaniji taħt il-kontroll dirett jew indirett tagħha, inkluż Thomson Reuters Limited (*Thomson Reuters*). Il-Kummissjoni għandha tħassib li xi whud mill-prattiki ta' liċenzjar ta' Thomson Reuters fir-rigward tal-Kodiċijiet ta' Strument Reuters (RICs) jistgħu jammontaw għal ksur tal-Artikolu 102 tat-TFUE ([3]). Fit-30 ta' Ottubru 2009 infetħu proċedimenti kontra Thomson Reuters.

(3) Skont il-valutazzjoni preliminari, Thomson Reuters hija dominanti fis-suq globali għal datafeeds f'ħin reali konsolidati.

(4) Thomson Reuters setgħet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi timponi restrizzjonijiet fuq il-klijenti tagħha fir-rigward tal-użu tar-RICs. Thomson Reuters (a) tipprojbixxi lill-klijenti tagħha milli jużaw RICs biex jirkupraw dejta minn datafeeds f'ħin reali konsolidati minn fornituri oħra u (b) twaqqaf lil partijiet terzi milli joħolqu u jżommu tabelli tal-immappjar li jinkorporaw RICs li jippermettu lis-sistemi tal-klijenti ta' Thomson Reuters li jinteraġixxu mad-datafeeds f'ħin reali konsolidati minn fornituri oħra ([4]).

(5) Dawn ir-restrizzjonijiet jidhru li joħolqu ostakli sostanzjali biex wieħed jibdel il-fornitur. Il-klijenti ta' Thomson Reuters jużaw ħafna r-RICs fl-applikazzjonijiet li huma

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 101 u, rispettivament, 102 tat-TFUE. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma fis-sustanza identiċi. Għall-għanijiet ta' dan l-avviż, ir-referenzi għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat tal-KE fejn xieraq.

([2]) Dan il-każ jikkonċerna speċifikament datafeeds konsolidati f'ħin reali u ma jikkonċernax dejta fi żmien reali mibgħuta permezz ta' prodotti tad-desktop.

([3]) Skont Thomson Reuters, ir-RICs huma kodiċijiet alfanumeriċi li huma l-mekkaniżmu ta' rkupru maħluq u provdut minn Thomson Reuters lill-klijenti tagħhom bħala parti integrali mis-servizzi ta' informazzjoni finanzjarja ta' Thomson Reuters sabiex jidentifikaw, jinnavigaw u jirkupraw sett strutturat ta' oġġetti ta' dejta relatati minn netwerk ta' distribuzzjoni u ġbir ta' tad-dejta f'ħin reali ta' Thomson Reuters (IDN Netwerk ta' Dejta Integrata).

([4]) Thomson Reuters stqarret li ma timpedixxix il-klijenti tagħha tad-Datafeeds f'ħin reali konsolidati milli jqabblu RICs mas-simboloġija ta' provvedituri oħra, sakemm il-bażi tad-dejta riżultanti jew it-tabella tal-immappjar ma jintużawx biex jirkupraw dejta minn fornitur ieħor. Fi kliem ieħor, Thomson Reuters ma tipprojbixxix il-ħolqien ta' tabelli ta' mmappjar bħala tali, iżda topponi l-użu dirett u indiretti tar-RICs biex jirkupraw dejta f'ħin reali minn fornituri oħra.

bbażati fuq server u l-persunal li jopera dawn l-applikazzjonijiet sar familjari mas-simboloġija tar-RICs. Minħabba restrizzjonijiet imdaħħla minn Thomson Reuters, fejn ir-RICs saru parti mill-applikazzjonijiet ibbażati fuq server, jekk wieħed jibdel il-fornitur, dan ikun jinvolvi t-tneħħija tar-RICs u l-kodifikar ta' dawk l-applikazzjonijiet biex jissostitwixxu r-RICs b'simboloġija alternattiva. Dan huwa proċess diffiċli u spiss biċċa xogħol bi spejjeż eċċessivi. L-opinjoni preliminari tal-Kummissjoni hija li Thomson Reuters, fil-fatt, rabtet il-klijenti eżistenti tad-datafeeds f'ħin reali konsolidati li integraw ir-RICs fl-applikazzjonijiet tagħhom. Bħala riżultat, fornituri oħra ta' datafeeds f'ħin reali konsolidati ma jistgħux jikkompetu b'mod effettiv ma' Thomson Reuters fis-suq għal datafeeds f'ħin reali konsolidati.

## 3. IL-KONTENUT PRINĊIPALI TAL-IMPENJI OFFRUTI

(6) Thomson Reuters ma taqbilx mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni. Madankollu offriet impenji skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li jindirizzaw it-tħassib tal-Kummissjoni fejn tidħol il-kompetizzjoni. L-impenji offruti minn Thomson Reuters ("l-Impenji") huma spjegati fil-qosor hawn taħt. Hemm verżjoni mhux kunfidenzjali tal-impenji ppubblikata bl-Ingliż fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fuq: http://ec.europa.eu/competition/index_en.html

(7) L-Impenji jikkonsistu f'li l-klijenti eżistenti u futuri ta' Thomson Reuters tas-servizzi RT ([1]) jiġu offruti liċenzja (Liċenzja RIC Estiża jew "ERL" ([2])) li tagħtihom drittijiet addizzjonali għall-użu tas-simboloġija RIC. Dan jippermettilhom, bi ħlas ta' liċenzja li trid titħallas kull xahar, li jużaw ir-RICs biex jirkupraw datafeeds f'ħin reali konsolidati li joriġinaw minn kompetituri ta' Thomson Reuters għall-iskop li jibdlu uħud mill-applikazzjonijiet ibbażati fuq is-server jew l-applikazzjonijiet kollha għal fornituri alternattivi ta' datafeeds f'ħin reali konsolidati. Barra minn hekk, Thomson Reuters se jipprovdu liċenzji ERL b'aġġornamenti regolari tar-RICs rilevanti inkluż, fejn applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa marbuta mar-RIC (post tan-negozjar rilevanti, sors, kodiċi uffiċjali, valuta u/jew deskrizzjoni).

(8) L-Impenji jkopru (i) klijenti li parzjalment u/jew b'mod sħiħ jibdlu minn datafeeds f'ħin reali konsolidati ta' Thomson Reuters għal datafeeds f'ħin reali konsolidati alternattivi; u (ii) klijenti li se jabbonaw għal datafeeds f'ħin reali konsolidati ta' parti terza barra s-servizz ta' Thomson Reuters RT service (pereżempju, bħala soluzzjoni ta' riżerva fil-każ ta' waqfien ta' emerġenza jew biex jippermettu li jiġu ttestjati l-funzjonalitajiet u l-affidabbiltà ta' datafeeds f'ħin reali konsolidati ġodda. Fil-każ ta' bidla parzjali, Thomson Reuters timpenja ruħha li ma tiddiskriminax kontra l-klijenti tagħha li jibdlu għal fornituri oħra ta' datafeeds f'ħin reali rigward it-termini li fuqhom jingħataw id-datafeeds f'ħin reali konsolidati ta' Thomson Reuters ([3]).

(9) Il-liċenzja ta' simboloġija RIC estiża tingħata b'mod perpetwu u tkun disponibbli permezz ta' Impenn għal perjodu ta' 5 snin. Għalhekk, klijent jista' jikseb il-liċenzja tas-simboloġija RIC estiża minn Thomson Reuters fi żmien perjodu ta' 5 snin, iżda mbagħad ikun jista' jkompli juża din il-liċenzja mingħajr ebda limitazzjoni taż-żmien, soġġetta għal ħlas ta' miżata rilevanti u l-konformità mat-termini l-oħra tal-liċenzja.

(10) Ir-rimedju jkun japplika għas-simboli RIC kollha direttament marbutin mal-prezz għal strument finanzjarju individwali jew valur għal indiċi li jinġarr fuq Thomson Reuters RT service, għalhekk inter alia għal (i) dejta minn skambji u Faċilitajiet tal-Kummerċ Multilaterali (MTFs); u (ii) l-aktar strumenti nnegozjati OTC li mhumiex elenkati fuq skambji jew fuq l-MTFs ([4]). Huma esklużi biss RICs relatati ma' strumenti nnegozjati mal-OTC li fir-rigward tagħhom Thomson Reuters iġġib id-dejta minn kontributur wieħed li huwa identifikabbli mir-RIC ("RICs b'sors uniku") ([5]).

(11) Barra minn hekk Thomson Reuters se tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex tiffaċilita l-kapaċità tal-klijenti li jqabblu s-simboloġija tar-RICs ma' dik ta' provvedituri oħra. L-impenji jippermettu wkoll lill-klijenti li jirrikorru għal żviluppaturi terzi biex jiżviluppaw għodod tal-iswiċċjar biex jiffaċilitaw din il-bidla, u biex jawtorizzaw lil dawn il-partijiet terzi biex jużaw is-software li huma żviluppaw għal klijenti multipli fejn kull wieħed mill-klijenti jkun abbonat fl-ERL. Il-partijiet terzi madankollu m'hu se jkollhom ebda drittijiet għas-simboloġija RIC infisha.

([1]) Thomson Reuters tikkummerċjalizza l-offerta tad-datafeed tas-suq f'ħin reali konsolidat tagħha taħt l-isem Thomson Reuters Real-time Service ("RT Service" – qabel kienet magħrufa bħala Reuters Datascope Real-Time Service, jiġifieri RDRT), għall-konsum f'applikazzjonijiet bażati fuq server.

([2]) Ara l-Anness II tal-Impenji.

([3]) Ara klawsola 6.4.2 tal-Impenji

([4]) Skont Thomson Reuters, RICs komposti jirrappreżentaw prezz aggregat wieħed mill-kontributuri kollha validati li jidentifikaw strumenti finanzjarji (RICs kontibwiti aggregati) jirrappreżentaw aktar minn 95 % tal-likwidità globali u huma inklużi fl-ambitu tal-impenn.

([5]) Skont Thomson Reuters, strument ta' OTC kkummerċjati li għalihom Thomson Reuters toriġina d-dejta minn sors wieħed jammontaw għal anqas minn 5 % tal-likwidità globali.

(12) Hemm tipi oħra ta' liċenzji li huma diġà mogħtija minn Thomson Reuters b'kundizzjonijiet kummerċjali u li mhumiex inklużi fl-ERL. Pereżempju, l-iżvilupp ta' għodod għall-bidla li jeħtieġu liċenzja għad-dritt tal-iżvilupp mingħand Thomson Reuters. It-tieni nett, Thomson Reuters tagħti Liċenzja għall-Ipproċessar tat-Tranżazzjoni lil klijenti li jixtiequ jużaw ir-RICs bħala identifikaturi fi ħdan straight through processing. Dan jikkonċerna pereżempju r-ridistrubuzzjoni ta' RICs lil partijiet oħrajn minn klijenti ta' Thomson Reuters. Thomson Reuters timpenja ruħha li ma tiddiskrimina kontra l-ebda wieħed mill-klijenti tagħha li jibdlu l-fornitur(i) tad-datafeeds f'ħin reali konsolidati fuq il-kundizzjonijiet ta' liċenzji oħrajn bħal dawn jew partijiet terzi li jiżviluppaw software jew teknoloġija li tiffaċilita l-bidla għad-detenturi tal-liċenzja ERL ([1]).

(13) Ġeografikament, il-liċenzja proposta, fil-prinċipju hija limitata għal applikazzjonijiet ta' klijenti li jservu negozju bbażat fiż-ŻEE. Madankollu, applikazzjonijiet li jservu negozji x'imkien ieħor huma inklużi wkoll jekk "raġonevolment meħtieġa" li jagħtu effett lill-bidla għall-benefiċċju ta' negozji bbażati fiż-ŻEE ([2]). Thomson Reuters pprovdiet sett ta' eżempji ta' każijiet fejn din il-kundizzjoni titqies li tkun ġiet sodisfatta. L-eżempji huma integrati fl-Impenji bħala l-Anness IV.

(14) Il-tariffi ta' liċenzji ERL ta' kull xahar li Thomson Reuters għandha l-ħsieb li titlob jirriflettu l-istruttura tal-kundizzjonijiet kummerċjali relatati mad-dejta li hija twassal attwalment għall-użu f'applikazzjonijiet ibbażati fuq is-server ([3]). It-tariffi huma bbażati fuq l-għadd ta' simboli RIC li l-klijent jixtieq jilliċenzja biex jirkupra dejta minn kompetitur f'ċerti attività tan-negozju. It-tariffi jkopru d-drittijiet addizzjonali tal-użu fis-simboloġija RIC u l-ispejjeż tas-servizz li jrid jiġi pprovdut minn Thomson Reuters lill-klijenti tagħha skont l-Impenji. Skont Thomson Reuters, il-livell tat-tariffa jammonta għal proporzjon żgħir tal-prezz tad-datafeeds f'ħin reali konsolidati ta' Thomson Reuters għall-istess ambitu ta' liċenzjar u użu tar-RICs. L-iskeda tat-tariffi fiha wkoll tariffa mensili minima ta' USD 750. Għad-dettalji dwar l-iskeda tat-tariffi ERL jekk jogħġbok ikkonsulta l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-Impenji kif ippubblikata fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni (l-Anness I).

## 4. STEDINA BIEX JITRESSQU KUMMENTI

(15) Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb, soġġett għall-ittestjar tas-suq, li tadotta deċiżjoni taħt l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 li tiddikkjara l-Impenji li jinsabu fis-sommarju hawn fuq u ppubblikati fuq l-Internet, fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, bħala vinkolanti. Jekk ikun hemm xi tibdiliet sostanzjali fl-Impenji jitnieda test ġdid tas-suq.

(16) Skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-Impenji.

(17) Barra minn hekk, il-Kummissjoni titlob b'mod parikolari lill-partijiet interessati biex jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-mistoqsijiet li ġejjin dwar il-bidla minn klijent ta' applikazzjoni bbażata fuq is-server mis-Servizz ta' RT ta' Thomson Reuters għal fornitur alternattiv ta' datafeeds f'ħin reali konsolidati:

(a) Il-livell tat-tariffi – inkluża t-tariffa minima – jippermetti tnaqqis fl-ispejjeż relatati mal-bidla fis-simboloġija li jkun biżżejjed biex ikun vijabbli għall-klijenti ta' Thomson Reuters biex jaqilbu għal fornitur alternattiv jekk ikunu jixtiequ? Jekk jogħġbok ipprovdielna stimi dwar dan li ġej:

(i) it-tariffi ERL li l-kumpanija tiegħek ikollha bżonn tħallas fil-każ li taqbleb parzjalment u/jew totalment mid-datafeeds f'ħin reali konsolidati ta' Thomson Reuters;

(ii) il-proporzjon li jirrappreżentaw it-tariffi ERL mit-tariffa inizjali tad-datafeeds f'ħin reali konsolidati (f'kull każ wara l-iskonti applikabbli) li l-kumpanija tiegħek qed tħallas bħalissa lil Thomson Reuters: 1-3 %, (ii) 4-6 %, (iii) 7-9 % jew (iv) aktar minn 10 %; u

(iii) il-kategorija tat-tariffa li tapplika għall-kumpanija tiegħek fix-xahar għal kull attività kummerċjali (ara l-iskeda tat-tariffa fl-Anness I mal-Impenji).

(b) Taħseb li aġġornamenti regolari tar-RICs huma parti essenzjali tal-liċenzja ERL li hija meħtieġa mill-kumpanija tiegħek biex tkun faċilitata il-bidla lejn fornituri ta' datafeeds f'ħin reali konsolidati?

(c) Taħseb li l-limitazzjoni tal-ERL li taqleb biss dawk l-applikazzjonijiet ibbażati fuq is-server (mhux speċifikament li jkopru kwalunkwe użu mill-operaturi umani tagħhom) tkun biżżejjed biex tirrimedja t-tħassib dwar ir-RIC espress mill-Kummissjoni hawn fuq?

([1]) Ara klawżoli 6.4 u 6.5 tal-Impenji.
([2]) Taħt l-impenni ż-ŻEE tinkludi l-Isvizzera.
([3]) Jiġifieri datafeeds f'ħin reali konsolidati taħt is-servizz RT.

(d) L-ambitu ġeografiku tal-Impenji huwa limitat għal applikazzjonijiet ibbażati fuq is-server li jaqdu n-negozju taż-ŻEE. Dawn jinkludu applikazzjonijiet ibbażati fuq is-server li jaqdu postijiet oħra jekk "raġonevolment meħtieġa". Taħseb li dan huwa biżżejjed biex jippermetti lin-negozji bbażati fiż-ŻEE li jibbenefikaw mill-Impenji u li jibdlu l-fornitur jekk ikunu jixtiequ? Jekk le, jekk jogħġbok spjega għalfejn l-ambitu ġeografiku propost ifixkel il-kapaċità tiegħek biex tibdel il-fornitur għan-negozju tiegħek ibbażat fiż-ŻEE. Jekk jogħġbok niżżel, jekk applikabbli, aktar eżempji, barra dawk ipprovduti minn Thomson Reuters fl-Anness IV.

(e) Skont Thomson Reuters, ir-RICs koperti mir-rimedju jammontaw għal 95 % tal-likwidità globali. Thomson Reuters tgħid li la huwa meħtieġ u lanqas fattibbli li tinkludi RICs OTC li jidentifikaw unikament kontributur individwali u l-prezz tiegħu fi ħdan l-ambitu tar-rimedju. Taqbel li dan huwa biżżejjed għal rimedju effettiv?

(f) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar partijiet terzi li possibilment għandhom il-kapaċità u/jew l-inċentiv kummerċjali biex jiżviluppaw għodod għall-bidla biex jiffaċilitaw il-bdil tal-fornitur. Jekk jogħġbok, jekk possibbli, agħti wkoll stima tal-ispejjeż għall-konsumaturi ta' servizz bħal dan.

(g) Taħseb li d-dispożizzjonijiet ta' non-diskriminazzjoni fl-Impenji minn Thomson Reuters fir-rigward ta' liċenzji oħrajn (ara l-paragrafi 8 u 12 hawn fuq) huma biżżejjed u adatti (i) għal klijenti li jixtiequ jibdlu għal fornitur ieħor u (ii) għal żviluppaturi terzi li jaspiraw li jiffaċilitaw il-bidla?

(18) It-tweġibiet u l-kummenti għandhom preferibbilment ikunu raġunati u għandhom jistabbilixxu l-fatti relevanti. Jekk tidentifika problema b'xi kwalunkwe parti tal-Impenji proposti, jekk jogħġbok issuġġerixxi soluzzjoni possibbli.

(19) Il-limitu taż-żmien biex tissottometti osservazzjonijiet jiskadi sitt ġimgħat wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż. Il-partijiet interessati huma wkoll mitluba jissottomettu verżjoni mhux kunfidenzjali tal-kummenti tagħhom, fejn għandhom jitħassru s-sigrieti kummerċjali u siltiet kunfidenzjali oħrajn u jiġu ssostitwiti kif meħtieġ b'sommarju mhux kunfidenzjali jew bil-kliem "sigrieti kummerċjali" jew "kunfidenzjali".

(20) L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bin-numru ta' referenza "**COMP/39.654 – RICs**" jew permezz ta' e-mail (COMP-GREFFE-ANTITRUST@ec.europa.eu), jew bil-faks (+32 22950128) jew bil-posta, f'dan l-indirizz:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Antitrust
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 364/10)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

SOMMARJU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"BOVŠKI SIR"**

**Nru KE: SI-PDO-0005-0423-29.10.2004**

**DPO ( X ) IĠP ( )**

Dan is-sommarju jiddeskrivi l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal għanijiet ta' informazzjoni.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Ministrstvo RS za kmetijstvo, gozdarstvo in prehrano (Ministeru tal-Agrikoltura, il-Forestrija u l-Ikel tar-Repubblika tas-Slovenja) |
| Indirizz: | Dunajska cesta 22<br>SI-1000 Ljubljana<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 14789000 |
| Fax | +386 14789055 |
| Posta elettronika: | varnahrana.mkgp@gov.si |

2. **Applikant:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Društvo rejcev drobnice Bovške (Assoċjazzjoni ta' persuni li jrabbu n-nagħaġ u l-mogħoż f'Bovec) |
| Indirizz: | Soča 50<br>SI-5232 Soča<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 53889510 |
| Fax | — |
| Posta elettronika: | — |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/proċessuri ( X ) Oħrajn ( ) |

3. **Tip ta' Prodott:**

Klassi 1.3: Ġobon

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4. **Speċifikazzjoni:**

(sommarju tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem:*

"Bovški sir"

4.2. *Deskrizzjoni:*

Il-"Bovški sir" huwa kklassifikat bħala ġobon iebes, magħmul mill-ħalib sħiħ. Huwa magħmul mill-ħalib mhux ipproċessat tan-nagħġa mir-razza nattiva tan-nagħaġ ta' Bovec, iżda jista' jkollu wkoll sa 20 % ħalib tal-baqra jew tal-mogħża.

Il-ġobon sħiħ, ta' forma tonda, għandu dijametru ta' 20-26 ċm u għoli ta' 8-12 ċm, u jiżen bejn it-2,5 u l-4,5 kg. Il-qoxra hija soda, lixxa u uniformi, ta' lewn griż fil-kannella li jkanġi fil-beige. Il-ġnub huma kemxejn konvessi u t-truf ġejjin kemxejn għat-tond.

Il-ġobon huwa kompatt, elastiku, sfiq, jinqasam malajr mingħajr ma jiġi frak. Huwa ta' lewn uniformi griż li jkanġi fil-beige, b'toqob mifruxa u mqassma b'mod ugwali u li għandhom daqs ta' għadsa jew piżella żgħira u xi toqob u xquq żgħar 'l hemm u 'l hawn. Il-ġobon iktar matur jinħass aktar kumpatt u aktar fraġli.

Għandu aroma u togħma partikolarment qawwija, intensi u kemxejn pikkanti. Jekk jiġi miżjud il-ħalib tal-baqra jew tal-mogħża, it-togħma u l-aroma jkunu ftit inqas qawwija.

Il-"Bovški sir" għandu minn tal-inqas 60 % ta' materja xotta u 45 % ta' xaħam fil-materja xotta.

4.3. *Żona ġeografika:*

Il-produzzjoni tal-ħalib għall-"Bovški sir" u l-ġobon innifsu jsiru fiż-żona delimitata fit-Tramuntana u fil-Punent mill-fruntiera nazzjonali mal-Italja, minn Mali u Veliki Mangrt għall-qsim tal-fruntiera ta' Učje. Mill-fruntiera, il-perimetru taż-żona jgħaddi minn Mali u Velinki Muzec, b'hekk ikopri ż-żona sħiħa minn Planina Božca sa Na Vrhu, u jkompli sa Hrib, jaqsam minn Pirovec, Krasji Vrh, Planina Zaprikraj, Zapleč sa Lopatnik u Krn, Mali Šmohor, Bogatin, Vratca sa Lanževica, Mala Vrata, Velika Vrata, Travnik, Malo Špičje u Kanjevec, jgħaddi minn Triglav u Luknja sa Križ, Prisojnik, Mala Mojstrovka, minn Travnik għal Jalovec, Kotovo Sedlo, Mali Mangart u lura għall-fruntiera nazzjonali mal-Italja. Ir-reġjuni mal-fruntieri hawn fuq imsemmija jinsabu fi ħdan iż-żona ġeografika.

4.4. *Prova tal-oriġini:*

Il-proċeduri jew il-miżuri indikati hawn taħt isiru biex jiggarantixxu t-traċċabbiltà tal-"Bovški sir".

Il-produzzjoni tal-ħalib: Il-ħalib għandu jkun prodott fiż-żona ġeografika definita. Iż-żamma ta' ktieb tal-merħla tiżgura li l-kompożizzjoni tar-razza tal-merħla hija waħda adattata. L-azjendi agrikoli jżommu wkoll reġistru bir-razzjonijiet tal-għalf u x-xiri tal-għalf.

Il-ġbir tal-ħalib: Il-ħalib maħsub għall-produzzjoni tal-"Bovški sir" għandu jinġabar u jinħażen b'mod separat minn ħalib ieħor. Il-kwantitajiet ta' ħalib (ħalib tan-nagħġa, tal-mogħża jew tal-baqra) magħmul u mixtri kuljum jiġu rreġistrati skont kull azjenda agrikola.

L-ipproċessar tal-ħalib: Il-produtturi tal-"Bovški sir" iżommu reġistru tal-kwantitajiet ta' ħalib ipproċessat kuljum, u tal-kwantitajiet ta' ġobon prodott kuljum għal kull lott. Lott ifisser il-kwantità ta' ġobon magħmul minn koagulazzjoni waħda ta' ħalib. Jekk f'ġurnata partikolari jiġi prodott lott wieħed ta' ġobon, id-data tal-produzzjoni tal-ġobon tikkostitwixxi wkoll l-identifikazzjoni tal-lott.

Il-maturazzjoni tal-ġobon: Sabiex ikun żgurat li kull lott ta' ġobon jimmatura għal mill-inqas 60 jum, il-produtturi jżommu reġistru tal-maturazzjoni tal-ġobon. Id-data tal-produzzjoni tal-ġobon hija wkoll id-data ta' meta tibda l-maturazzjoni tal-ġobon.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

Il-"Bovški sir" huwa magħmul mill-ħalib mhux ipproċessat tan-nagħġa mir-razza nattiva tan-nagħaġ ta' Bovec jew minn taħlita ta' ħalib tan-nagħġa, tal-mogħża u tal-baqra. Il-proporzjon tal-ħalib tal-mogħża jew tal-baqra ma jistax jaqbeż l-20 % tal-volum totali tal-ħalib.

Il-produzzjoni tal-"Bovški sir" hija limitata għall-perjodu tal-ħlib tal-annimali, li jikkoinċidi maċ-ċiklu tat-tkabbir tal-mergħat fejn jirgħu l-annimali. Il-parti l-kbira tar-razzjonijiet tal-għalf bażiku fil-perjodu tal-ħlib tal-annimali hija ħaxix frisk, għalkemm dan jista' jiġi mħallat ukoll mal-ħuxlief u mal-ħaxix maħżun. Ir-razzjon bażiku jrid jammonta għal tal-inqas 75 % tal-materja xotta tar-razzjon ta' kuljum.

Ħalib maturat, li miegħu jista' jiġi miżjud il-ħalib frisk qabel il-koagulazzjoni, jiġi użat fil-produzzjoni tal-"Bovški sir". Il-maturazzjoni tal-ħalib iddum mill-inqas 12-il siegħa; din tiżviluppa l-mikroflora nattiva u tiżgura li l-ħalib ikollu livell adattat ta' aċidità. Sabiex titħaffef il-fermentazzjoni, huwa permess l-użu ta' fermenti li jitħejjew fid-djar (il-maturazzjoni ta' kwantità żgħira ta' ħalib f'temperatura pjuttost għolja għal mill-inqas 12-il siegħa) jew ta' kulturi magħżulin. Qabel il-koagulazzjoni, il-ħalib jissaħħan f'temperatura ta' 35-36 °C. Il-koagulazzjoni tieħu madwar 30 u 45 minuta. Il-koagulu mbagħad jitkisser f'ċapep bid-daqs ta' fażola jew ta' piżella li, ladarba jinxfu, jinbidlu f'daqs ta' granelli tal-qamħ. Il-baqta titferra' fil-forom u ssir aktar konsistenti; l-ippressar idum madwar 4 u 6 sigħat.

It-tmelliħ jista' jsir fin-niexef (il-ġobon jiġi mmellaħ u mqalleb darbtejn kuljum għal jumejn) jew fis-salmura (għal 24 sa 48 siegħa). Wara t-tmelliħ, kull ġobna tiġi mmarkata bid-data tal-bidu tal-maturazzjoni jew bl-identifikazzjoni tal-lott. Il-"Bovški sir" jieħu minn tal-inqas 60 jum biex jimmatura. Huwa importanti ħafna li l-ġobon jingħata attenzjoni (jinqaleb, jintmesaħ u jitnaddaf) waqt il-maturazzjoni.

4.6. *Rabta:*

Il-"Bovški sir" huwa prodott li l-importanza tiegħu tmur lura bosta sekli. Sejbiet arkeoloġiċi juru wkoll li ż-żona ta' Bovec kienet kolonizzata għal eluf ta' snin. Għaldaqstant huwa preżunt li l-manifattura tal-ġobon fil-mergħat tal-muntanji għoljin żviluppat f'din iż-żona tlitt elef sena ilu, fl-istess żmien tax-xogħol bil-ħadid.

L-ewwel dokumentazzjoni tal-Bovec tmur lura sa qabel l-1174, filwaqt li l-ewwel dokumentazzjoni ta' ġobon f'din iż-żona tmur lura għas-seklu 14. Reġistri tal-art u dokumentazzjoni oħra minn din l-epoka jindikaw li l-ġobon kellu valur għoli minħabba li taxxi marbuta mal-azjenda agrikola, kiri fuq is-sajd u l-bqija kienu kkalkulati fi kwantitajiet ta' ġobon (Rutar 1882).

L-isem "Bovški sir" (bit-Taljan, "Formaggio di Plezo vero") issemma għall-ewwel darba fl-1756 f'lista tal-prezzijiet fil-belt ta' Videm (Udine), u dan juri wkoll li l-"Bovški sir" kien jilħaq prezzijiet ogħla minn diversi tipi oħra ta' ġobon.

Il-metodi użati fil-mergħat, fil-manifattura tal-ġobon u fil-ġestjoni tal-mergħat tal-muntanji kienu deskritti fil-"Pašni red" (regolamenti dwar il-ġestjoni tal-mergħat). Dr Henrik Tuma kiteb rendikont tal-Pašni red u l-ġurnata xogħol f'Zapotek, mergħa tal-muntanja li tinsab fuq Zadnja Trenta, qabel l-ewwel gwerra dinjija, li kien ippubblikat fil-Planinski Vestnik. Dan juri li l-mod kif jiġi prodott il-"Bovški sir" illum, meta wieħed iqis il-progress teknoloġiku, huwa pjuttost l-istess bħalma kien sekli ilu.

Il-mergħat tal-muntanji għoljin u t-telgħat weqfin ifissru li ftit hemm spazju għal biedja intensiva fiż-żona ġeografika. Iż-żona ġeografika sħiħa tinsab fi ħdan iż-żona Natura 2000 u parti sostanzjali taż-żona ġeografika tinsab ukoll fi ħdan il-Park Nazzjonali ta' Triglav. Iż-żona ġeografika hi karatterizzata minn klima Alpina u kontinentali, parzjalment influwenzata mill-klima Mediterranja, li tibqa' dieħla 'l ġewwa tul ix-xmara Soča. Il-livelli ta' preċipitazzjoni huma għoljin matul is-sena (il-medja għas-snin 1961-1990 f'Bovec kienet ta' 2 735 mm/sena). Minħabba l-qċaċet għoljin li jdawruhom, ċerti widien ma jintlaħqux mix-xemx sa xahrejn fis-sena. Minkejja x-xita abbundanti, nixfa u rwiefen b'saħħithom fuq il-ħamrija rqiqa jnaqqsu b'mod regolari l-produzzjoni tal-ħaxix, u b'hekk jagħmlu ż-żona ideali għat-trobbija tan-nagħaġ u l-mogħoż.

Il-ħalib tan-nagħġa li jintuża fil-produzzjoni tal-"Bovški sir" ġej mir-razza nattiva tan-nagħaġ ta' Bovec, li żviluppat matul is-sekli fil-wied ta' fuq ta' Soča, u li kienet imsemmija għall-belt ta' Bovec. Ir-razza tan-nagħaġ ta' Bovec hija razza karatteristika li tipproduċi l-ħalib, u għandha rasha strutturata b'mod fin u widnejha qosra. Sal-ġurnata tal-lum, l-għan fundamentali tat-trobbija għadu l-iżvilupp tal-adattabbiltà għal kundizzjonijiet ħorox ta' ragħa u trobbija, il-kapaċità li jirgħu f'mergħat fuq għoljiet u muntanji, temperament kalm, ħajja twila u reżistenza. Il-ħalib tan-nagħaġ ta' Bovec għandu kontenut ta' xaħam fil-materja xotta li huwa ogħla minn tal-bqija tar-razez tan-nagħaġ li jipproduċu l-ħalib fis-Slovenja, u li jinfluwenza l-produzzjoni tal-ġobon kif ukoll it-togħma tiegħu.

Waqt il-perjodu tal-ħlib, l-annimali li jipproduċu l-ħalib għall-produzzjoni tal-"Bovški sir" jitħallew jirgħu f'mergħat maż-żona kollha. L-annimali jitħallew jirgħu skont il-metodu tradizzjonali, li fl-istess waqt huwa l-unika għażla finanzjarjament possibbli. Dan ifisser li l-għalf matul il-perjodu li fih jipproduċu l-ħalib għall-"Bovški sir" huwa essenzjalment ħaxix frisk, li jagħti kontribut sostanzjali lit-togħma u l-aroma tipiċi tal-"Bovški sir". Fl-art għall-mergħa, wieħed isib varjetà eċċezzjonali ta' flora li hija assoċjata mal-altitudni, mal-klima u mal-għamla ġeoloġika tal-ħamrija. Fiż-żona ġeografika hemm pjanti li huma tipiċi ta' żoni Alpini, kontinentali u Mediterranji.

4.7. *Organu ta' spezzjoni:*

| | |
|---|---|
| Isem: | Bureau Veritas d.o.o. |
| Indirizz: | Linhartova cesta 49 a<br>SI-1000 Ljubljana<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 14757600 |
| Fax | +386 14757601 |
| Posta elettronika: | info@si.bureauveritas.com |

4.8. *Tikkettar:*

Il-ġobon li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ispeċifikazzjoni jiġi mmarkat bl-isem tal-produttur, bl-isem "Bovški sir" u bil-logo (li jidher hawn taħt), il-logo tal-Unjoni Ewropea korrispondenti u s-simbolu ta' kwalità nazzjonali. Jekk jintuża ħalib tal-mogħża jew tal-baqra, dan il-perċentwal irid jiġi indikat ukoll.

Il-produtturi jistgħu jindikaw ukoll jekk il-ġobon kien immaturat għal aktar minn sena jew jekk ġie prodott f'maħleb fil-muntanji.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 364/09 Avviż ippubblikat skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-Każ COMP/39.654 – Il-Kodiċijiet tal-Istrument Reuters (RICs) *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 9391)* ([1]) . . . . . 21

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 364/10 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel . . . . . 25

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT